**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**KALKARA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**It-9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 4/25**

3 t' April 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Vincent Bongailas - Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**4.25.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

4.25.1.1 Is-Sur Bongailas informal is-Segretarju Eżekuttiv li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba mpenji personali

**4.25.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

4.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 4.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

4.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Maria Sultana u sekondati mis-Sur Christopher Bruno l-minuti ta' seduta 4.25 ġew approvati unanimament.

4.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**4.25.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

2.25.3.1 **Kalkara Fun Walk 2025**

Ilbieraħ, 2 ta' April 2025, il-Kunsill ippreżenta d-donazzjoni tiegħu bis-somma ta' €1,070. lil Brother Miguel, il-Gwardjan tal-Knisja tal-Kapuċċini Din is-somma nġabret mingħandi l-parteċipanti permezz ta' donazzjoni li saret matul il-Kalkara Fun Walk ta din is-sena.

2.25.7.2 ***Roundabout* qabel it-Telgħa tal-Esplora**

Is-Sindku pprovda bl-aħħar aġġornament fuq il-kwistjoni tar-*roundabout* ta' qabel titla' t-telgħa tal-Esplora. Hu nfurmat li l-GHRC ħarġu sejħa ta' interess għax-xogħolijiet li ġew maqbula bejn l-entitajiet kkonċernati nkluż il-Kunsill Lokali. Madanakollu, l-GHRC informa s-Sindku li ebda offerti ma ġew sottomessi biex jagħmlu dan ix-xogħol. Għalhekk, il-GHRC reġgħet ħarġet is-sejħa mill-ġdid.

Is-Sur Bruno ssuġerixxa li jsiru *traffic calmers* fin-niżla tal-Esplora.

**4.25.4** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.25.4.1 **PA/01546/25 - Permess għall-iżvilupp fi Triq it-Turetta c/w Triq Patri Mattew Sultana, Kalkara**

Qabel is-Sindku għamel referenza għall-PA/01546/25, huwa offra summarju dwar il-PC/0070/22 li għandha konnessjoni mal-iżvilupp relattiv u nkluda d-differenzi ta' bejn applikazzjoni u oħra. Għal rigward tal-PC/0070/22, is-Sindku qal li filwaqt l-Awtorita` tal-Ippjannar approvat l-applikazzjoni, fadal il-firma tal-Ministru kkonċernat biex tiġi konkluża.

Kien għal din ir-raġuni li s-Sindku ra l-ħtieġa li tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill qabel dik li kienet skedata fit-22 t' April 2025. Dan għaliex, il-Kunsill għandu sal-11 t' April 2025 sabiex jissottometti r-rappreżentanza tiegħu quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar fuq il-PA/01546/25. L-iżviluppatur daħħal l-applikazzjoni biex jibda jibni. Il-probabbilita` hija li f'każ il-PA/01546/25 tiġi approvata, fix-xhur li ġejjin jistgħu jkun li l-iżviluppatur opoġġi l-inġenji f'dan is-sit u qed jistenna li jiġu xi residenti jilmentaw fuq din il-kwistjoni.

Is-Sindku qed jipproponi illi bħala Kunsill Lokali tiġi sottomessa r-rappreżentanza/oġġezzjoni tiegħu sal-11 t'April 2025 kif indikat aktar qabel. Huwa żied jgħid illi f'din is-sitwazzjoni hemm uħud mir-residenti li ma jaqblux mal-iżvilupp filwaqt li hemm oħrajn li jixtiequ li jsir.

Wara li saret diskussjoni fit-tul fuq din il-materja, il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-oġġezzjoni ta' dan il-permess.

4.25.4.2 **Sejħa għall-Servizzi ta' Perit tal-Kunsill**

Il-Kunsill ser ikollu bżonn is-servizzi ta' perit sabiex ikun jista' jassistih għall-proġetti pjanati għal din is-sena fosthom, ix-xogħolijiet ġewwa l-Annex ta' Villa Portelli kif ukoll ix-xogħolijiet bħala ġewwa Trejqet iċ-Ċimterju. Minħabba dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsill ser joħroġ tender għas-servizzi ta' perit biex ikun konformi mar-regolamenti tal-*procurement*.

Il-Kunsill unanimament approva li tinħareġ is-sejħa kif ġie diskuss waqt il-laqgħa.

**4.25.5** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier sabiex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**4.25.6 <u>Tmiem il-Laqgħa u d-Data tas-Seduta li Jmiss</u>**

Is-seduta ntemmet fit-5.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 t' April 2025, fil-3.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati illum 22 t' April 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**